MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 342/2010

**Michael Attard Limited C32362**

**Vs**

**Richard Vella (ID 200773M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba' t'elef, tlett mija, tmienja u sittin ewro, tnejn u hamsin centezmu (€4368.52) rapprezentanti bilanc ta' import ta' sitta u ghoxrin (26) kambjala skaduti, accettati u ffirmati mill-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess

ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-1 ta' Novembru 2010 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Wara li rat dak verbalizzat illum stess waqt is-seduta in konessoni mad-dekorrenza tal-imghax dovut.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €4368.52 bl-imghax legali ulterjuri mill-24 ta' Settembru 2010 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha ta' din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------